MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 9/2008

Eric Joseph Grech

vs

Emanuel Balzan,
Maureen Balzan,
George Apap

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġi kkundannati jħallsu *in solidum* is-somma ta' sitt elef mija u sitta u sebgħin euro (EUR6176) dovuti minnhom lilu bħala ħlas ta' sevizzi reżi fuq inkarigu tagħhom u bi ftehim magħhom.

Bl-ispejjeż inklużi dawk talittra uffiċjali datata ħamsa (5) ta' Settembru 2007 u bl-interessi mid-data tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Maureen Balzan u George Apap li permezz tagħha eċċepew illi:

1. Illi d-domandi attriċi fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi l-konvenuta Maureen Balzan mhijiex responsabbli għal kreditu dovut lill-atturi u dan stante illi permezz ta' kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u separazzjoni tal-beni magħmul fl-atti tan-Nutar Maria Grima datat 23 ta' Awwissu 2004 (kopja annessa bħala Dok A) l-konvenut l-ieħor Emanuel Balzan, ġie assenjat il-proprjeta' kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u dan peress illi huwa assuma r-responsabilita' għall-pagamenti tad-djun u debiti kollha dovuti lil terzi persuni li saru matul iż-żwieġ tal-konvenuti, u dan ad esklużjoni tal-esponenti;

3. Illi l-konvenut George Apap jirrespinġi bil-qawwa l-pretensjonijiet kollha tiegħu u dan stante illi huwa qatt ma ta l-ebda inkarigu lill-attur sabiex jagħti s-servizzi tiegħu u qatt ma kellu x'jaqsam ma' l-attur;

4. Illi l-esponenti għandhom għaldaqstant jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut l-ieħor Emanuel Balzan, li minkejja li ġie notifikat b'dawn il-proċeduri permezz tal-pubblikazzjoni, għażel li jibqa' kontumaċi.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob il-ħlas tas-somma ndikata fl-Avviż rappreżentanti dak li jgħid li hu

dovut lilu mill-konvenuti għal servizzi reżi minnu lilhom. Il-konvenuti Maureen Balzan u huha George Apap qed jopponu t-talba għad-diversi raġunijiet minnhom indikati fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom. Il-konvenut l-ieħor baqa' kontumaċi, imma fid-depożizzjoni tiegħu ammetta li l-attur kien jgħinu sew fil-ħanut magħruf bħala "Saints" fi Pjazza Savina, Victoria, kif ukoll fix-xogħol ieħor ta' *caterering* li kien jiġġestixxi għal xi żmien fl-Arcadia Complex, Victoria. Jammetti ukoll li ta'dan ix-xogħol l-attur baqa' ma tħallasx. [1]

Irriżulta li permezz ta' skrittura privata ta' l-24 ta' Gunju 2002, Emanuel Balzan u George Apap, li allegatament kienu qed jidhru għall-"*Kumpanija E & M Holdings*" sselfu xi flus mingħand il-ġenituri ta' l-attur u fl-istess ħin obbligaw ruħhom li jimpjegaw lill-attur fin-negozju tagħhom fuq bażi *part time*. Ġew miftehmin ukoll ir-rati ta' ħlas li kellu jingħata għal dan ix-xogħol l-attur.[2] Maureen Balzan, li sa dakinhar kienet ghadha tirrisjedi ma' Emanuel Balzan bħala l-mara tiegħu, (għax isseparat legalment minn miegħu permezz ta' kuntratt tat-23 ta' Awwissu 2004),[3] ma dehritx fuq l-istess skrittura. Ma tressqet ebda prova ta' l-eżistenza ta' din il-kumpanija, u għalhekk "E & N Holdings" aktarx li kien sempliċement it-*trade name* li bih kienu qed joperaw il-konvenuti dik il-ħabta.

Il-konvenut Emanuel Balzan, kif rajna, ammetta li l-attur baqa' ma tħallasx tas-servizzi minnu reżi, u għalhekk ma jidhirx li jista' jkun hemm xi difiża li tista' tiġġustifika n-nuqqas ta' responsabilita' tiegħu għal dan il-ħlas.

Il-konvenut George Apap jinsisti li huwa qatt ma ta ebda inkarigu lill-attur sabiex jagħti s-servizzi tiegħu u qatt ma kellu x'jaqsam miegħu. Imma, apparti l-fatt li l-istess konvenut kien komparteċipi fil-ftehim hawn fuq imsemmi fejn l-attur ġie mwiegħed ix-xogħol miegħu u mal-konvenut l-ieħor, u Apap qatt ma ċaħad li kien iffirma l-

---

[1] Ara deposizjoni tieghu tal-15 ta' Gunju 2011
[2] Ara kopja ta' l-iskrittura relattiva esebita bhala Dok. GG10 a fol.100 – 101
.
[3] Ara Dok. A a fol. 22 – 24 .

iskrittura relattiva,  rriżulta mill-provi li Apap kien ikun preżenti diversi drabi meta l-attur kien ikun fuq ix-xogħol li kellu bi sħab mal-konvenut l-ieħor. Issemma wkoll li l-attur qatt ma ġie reġistrat uffiċċjalment mal-Employment and Training Corporation, u nfatti r-rappreżentant tagħha kkonferma dan. Madankollu ma jidhirx li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni għandu jċaħħad lill-attur milli jiġi kkumpensat ta' dak li għamel mal-konvenuti. Wara kollox kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza dwar serviġi, *omnia labor optat premium*. Għalhekk lanqas ma jidher li hemm xi raġuni għaliex dan il-konvenut jista' jaħrab mir-responsabilita' tiegħu għal ħlas ta' dan id-dejn.

Il-konvenuta l-oħra Maureen Balzan, ippruvat li hija kienet isseparat minn ma' żewġha permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi, li pero' sar sentejn wara ż-żmien li fih l-attur ħadem fin-negozju ta' żewġha. Għalkemm f'dak il-kuntratt żewġha Emanuel kien assuma d-djun kollha li kellhom il-partijiet, b'daqshekk biss din il-konvenuta ma setgħetx tiġi meħlusa mir-responsabilita' tagħha, għax bħala *res inter alios acta*, dak il-ftehim ma setgħax jeffettwa d-drittijiet li terzi kienu laħqu akkwistaw qabel ma ġiet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom. Barra minn hekk lanqas jista' jingħad li s-servizzi reżi mill-attur lin-negozju li żewġha kellu flimkien mal-konvenut l-ieħor kien xi att ta' amministrazzjoni straordinarja li jirrikjedi l-kunsens taż-żewġ partijiet fiż-żwieġ. Anzi skond l-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili "**atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ**" huma meqjusa bħala atti ta' amminsitazzjoni ordinarja. Barra minn hekk, irriżulta li Maureen Balzan kienet tkun ukoll preżenti fil-ħanut ta' Pjazza Savina, u kienet tarah hemm lill-attur għal ħinijiet twal.  Għalkemm, flimkien ma huwa l-konvenut Apap, issostni li l-attur kien ikun hemm biss bħala ħabib, ma jfissirx b'daqshekk li dan kien qed jgħinhom fil-ħanut *gratis*, wisq inqas fid-dawl ta' dak li kien ġie miftiehem fl-iskrittura ta' self fuq imsemmija. Għalhekk anke din il-konvenuta għandha tinżamm responsabbli  għal dan id-dejn, flimkien mal-konvenuti l-oħra.

Jibqa' biss sabiex jiġi determinat jekk l-attur hux ġustifikat jitlob  l-ammont kollu indikat minnu f'dan l-Avviż., u ċioe' s-

somma ta' sitt elef mija sitta u sebgħin euro (EUR6176). Permezz tan-Nota tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2009, l-attur ta rendikont dettaljat tal-ħinijiet kollha li huwa ħadem mal-konvenuti fuq firxa ta' seba' xhur matul is-sena elfejn u tnejn (2002).[4] Huwa jgħid li dawn id-dettalji kien żammhom hu stess fuq il-*computer* tiegħu, hekk kif kien jispiċċa mix-xogħol kuljum. Tenut kont ukoll ta' dak li xehdu l-istess konvenuti li kkonfemaw li dik il-ħabta l-attur kien iqatta' ħafna ħin magħhom, m'hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tiddubita mill-veraċita' ta' dak li hemm imniżżel f'dan ir-rendikont fir-rigward tal-ħinijiet indikati. Mhux l-istess pero' jista' jingħad imbagħad għal kif l-attur wasal għall-figura dwar l-ammont mitlub. Il-fatt li l-attur qed jitlob rata ta' Lm1.80 għal kull siegħa xogħol li għamel hija korretta, għax dik kienet appuntu r-rata miftehma fuq l-iskrittura ta' l-24 ta' Gunju 2002. Is-somma ta' Lm1699.47 għal 944.15 sigħat hija għalhekk korretta. Madankollu t-talba għall-imgħaxijiet fuq dan l-ammont mit-23 ta' Diċembru 2002 sa' l-10 ta' Lulju 2007 m'għandux ikun dovut, u dan għaliex billi dan ma kienx dejn kummerċjali, l-imgħax jibda'jgħaddi biss minn meta l-konvenuti ġew interpellati għall-ħlas u ċioe' mid-data tal-ittra uffiċċjali tal-5 ta' Settembru 2007. L-anqas m'huwa dovut dak li l-attur jirreklama rigward xi *cheque* għal Lm235 u l-imgħax relattiv, billi qatt ma ngħatat ebda spjegazzjoni dwar dan iċ-*cheque* fil-kors tas-smiegħ tal-kawża.

Għaldaqstant jiġi li l-konvenuti huma responsabbli flimkien u *in solidum* bejniethom mhux għall-ħlas ta' l-ammont indikat fir-Rikors, imma biss ta' somma ta' elf sitt mija disa' u disgħin lira maltija u sebgħa u erbghin ċenteżmu (Lm1699.47), jew aħjar illum tlett elef disa' mija tmienja u ħamsin euro u sebgħin ċenteżmu (EUR3958.70), bl-imgħaxijiet relattivi b'effett mid-data ta' l-ittra uffiċċjali tal-5 ta' Settembru 2007.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Maureen Balzan u George Apap, tilqa' t-talba ta' l-attur pero' limitatament għall-ħlas

---

[4] Ara dok .EJG a fol. .67 – 78 tal-process .

tas-somma ta’ tlett elef disa’ mija tmienja u ħamsin euro u sebgħin ċenteżmu (EUR3958.70), u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* sabiex iħallsu lill-attur l-istess somma, bl-imgħaxijiet relattivi mill-5 ta’ Settembu 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jitħallas kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti u terz (1/3) mill-attur innifsu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------